MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 888/2008

**Charles Busuttil (ID 279239M) u Joan Busuttil ahwa Busuttil**

***kontra***

**Joan Cortis**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-3 ta` Settembru 2008 li jaqra hekk–

*1. Illi r-rikorrenti ahwa Busuttil huma ulied id-decujus Georgina Busuttil li mietet fil-11 ta` Marzu 2006 ;*

*2. Illi l-intimata giet nominata minn Georgina Busuttil bhala uniku eredi taghha u dana in forza ta` testment datata 12 ta` Mejju 1995 in atti Nutar Pierre Cassar. Illi l-intimata konvenuta ddisponiet mill-assi ereditarji, mobbli, tal-istess decujus omm ir-rikorrenti Busuttil b`rizultat li r-rikorrenti gew imcahhda mis-sehem taghhom skond il-ligi mill-assi tad-defunta ommhom ;*

*3. Illi tul hajjitha omm ir-rikorrenti ghamlet diversi testmenti ;*

*4. Illi jirrizulta li omm ir-rikorrenti kienet ilha tbati minn kundizzjoni mentali ta` senile dementia u dan kif certifikat mill-Konsulent Psikjatra Dr. Peter Muscat fl-1997, u dan l-istess psikjatra kien iddikjara li tali kundizzjoni kienet ilha prezenti ghal hames snin ;*

*5. Illi permezz ta` digriet moghti mis-Sekond` Awla Nru. 771/97 datat 4 ta` Lulju 1997, l-imsemmija Georgina Busuttil giet interdetta u l-Qorti appuntat kuratur sabiex jamministra l-imsemmija assi taghha ;*

*6. Illi b`rizultat ta` dan kollu, u dan peress li omm ir-rikorrenti diga` kienet tbati minn kundizzjoni ta` senile dementia skond ic-certifikati medici, t-testment ahhari u cioe` dak datat 12 ta` Mejju 1995 li ghamlet ir-rikorrenti, ghandu jigi ddikjarat null u bla effett ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

*Tghid ghalhekk l-intimata konvenuta ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti :*

*1. Tiddikjara li t-testment maghmul mid-defunta Georgina Busuttil datat 12 ta` Mejju 1995 in atti Nutar Pierre Cassar huwa null u bla effett ;*

*2. Konsegwentement tordna lill-intimata sabiex tirrestitwixxi lir-rikorrenti l-assi ereditarji kollha appartenenti lid-defunta Georgina Busuttil, inkluzi mobbli u immobbli ;*

*3. Tordna li konsegwentement u fin-nuqqas l-intimata tirrestitwixxi u thallas lir-rikorrenti l-valur tal-assi ereditarji appartententi lid-defunta Georgina Busuttil. Illi l-valur in kwistjoni ghandu jigi likwidat anke bl-opera ta` periti nominandi jekk ikun mehtieg.*

*Bl-ispejjez u b`hekk l-intimata tibqa` minn issa ngunta sabiex tidher in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fid-29 ta` Ottubru 2008 li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament, l-insostenibbilita` ta` l-azzjoni kif esperita, stante li r-rikorrenti ma jghidux b`mod car ghaliex qed jitolbu li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara t-testment null. Dana peress illi jirrizulta allegat biss fir-rikors promotur li d-defunta kienet qed tbati minn kundizzjoni ta` senile dementi fl-elf disa` mija u sebgha u disghin (1997), u giet interdetta fl-istess sena cioe` sentejn (2) wara li gie redatt it-testment li qed jintalab jigi annullat u mhux fil-mument li bih id-defunta rredigiet it-testment ;*

*2. Illi wkoll in linea preliminari, l-insostenibbilta` tat-talbiet, stante li din l-Onorabbli Qorti kellha tintalab tiddikjara rizultanzi li konsegwentement minn tali rizultanza temergi n-nullita`. Illi ghalhekk fin-nuqqas ta` tali dikjarazzjoni gudizzjarja, l-azzjoni odjerna ma tistax tirnexxi ;*

*3. Illi d-domandi attrici huma kontradittorji ghat-tielet (3) domanda u b`hekk l-ebda wahda minnhom ma tista` tigi milqugha stante li dato non concesso kellu jintalab jew ir-restituzzjoni jew il-hlas mhux it-tnejn f`salt u b`mod kontestwali ;*

*4. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta` artikolu 1222 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, d-defunta Georgina Busuttil ma kienet effetta minn l-ebda impediment legali fil-mument illi gie redatt it-testment in atti tan-Nutar Dott. Pierre Cassar, datat tnax (12) ta` Mejju elf disa` mija u hamsa u disghin (1995), u dana kif ser jirrizulta ampjament fit-trattazzjoni tal-kawza ;*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond l-ezitu ta` l-eccezzjonijiet preliminari.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta` Ottubru 2008 fejn il-Qorti diversament presjeduta tat direzzjoni lill-partijiet biex jittrattaw l-eccezzjonijiet preliminari.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm illi saru mid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-19 ta`

Novembru 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat l-atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni Nru 1180/2008 fl-ismijiet *Charles Busuttil et vs Nazzareno sive Reno Cortis et* li kienu allegati wara l-udjenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tad-19 ta Novembru 2008.

Rat is-sentenza li din il-Qorti diversament presjeduta tat fis-27 ta` Marzu 2009 fejn cahdet l-eccezzjonijiet preliminari kollha u cioe` l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba` eccezzjonijiet, spejjez ghall-konvenuta.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Charles Busuttil.

Rat in-nota b`dokumenti li kienet prezentata mill-atturi fl-udjenza tat-2 ta` Marzu 2010 quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Semghet ix-xiehda ta` Dr Peter Muscat u ta` Dr Joseph Vella Baldacchino fl-udjenza tat-12 ta` Jannar 2011 u rat id-dokument li kien esebit mill-ewwel xhud.

Semghet id-deposizzjoni tal-konvenuta fl-udjenzi tat-8 ta` Marzu 2011, 17 ta` Mejju 2011 u 11 ta` Ottubru 2011.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-ahhar zewg udjenzi.

Semghet ix-xiehda tan-Nutar Dr Pierre Cassar fl-udjenza tat-23 ta` April 2012.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-attur Carmelo sive` Charles Busuttil fl-udjenza tat-3 ta` Mejju 2012.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta` Frar 2013.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

**<u>L-attur Carmelo sive Charles Busuttil</u>** xehed illi huwa kien jigi iben Georgina Busuttil. Huwa emigra lejn l-Ingilterra fl-1960. Wara ftit taz-zmien, ommu marret toqghod mieghu izda kellha tirritorna Malta biex tiehu hsieb ta` huha li kien jghix Malta. Baqghet tghix Malta sa ma mietet fil-11 ta` Marzu 2006. Huwa kien jigi Malta biex izur lil ommu madwar tliet darbiet fis-sena. F`okkazjoni minnhom, sab li ommu kienet giet rikoverata fir-Residenza San Vincenz. Ma kienx infurmat qabel b`dak ir-rikoveru li sar mill-konvenuta. Meta ra lil ommu, hassu dispjacut peress li s-soltu kienet tkun b`gizirana ma` ghonqha liebsa c-curkett tat-tieg, u meta raha hu, sab li f`ghonqha kellha habel b`cavetta mdendla. Meta ommu ratu, bdiet tibki u talbitu biex jehodha lura d-dar. Ghamel il-verifiki tieghu dwar id-dar ta` ommu u sab li l-post kien diga` ghand il-konvenuta. Ipprova jara setax jiehu lil ommu mieghu l-Ingilterra izda nghata parir li dak ma kienx fl-ahjar interess ta` ommu. Ghamel verifiki biex jara jekk ommu kenitx ghamlet xi testment peress li kien innota li ommu kienet qed titlef il-memorja. Qal b`kollox lil huh John li gie Malta wkoll. Dan ha lil ommhom ghand psikjatra li stabilixxa li

kienet qeghda ssofri minn dementia u li kienet ilha sejra lura madwar hames snin. L-attur fisser illi dan kollu sehh qabel l-1995. Meta kienet diga` tbati minn dementia, ommu ghamlet testment f`Mejju 1995. Sar jaf b`dan it-testment wara l-mewt taghha. Iddikjara illi kemm-il darba l-konvenuta kienet lesta taghti lura lilu u lil huh dak li hadet minghand ommhom, inkluz il-fond 39, St Joseph Street, Paola, huwa kien lest jasal fi ftehim maghha.

**Fil-kontroezami**, l-attur xehed illi huwa kien ilu jghix l-Ingilterra 52 sena. Meta kien jigi Malta biex jara lil ommu, kien idum bejn gimghatejn u tlett gimghat. Huwa ma setax ighid x`kienet il-kondizzjoni tad-dar ta` ommu 39, St. Joseph Street, Paola, billi ma setax jidhol gewwa ghax ma kellux cavetta. Sar jaf li qabel ittiehdet San Vincenz, kienet giet rikoverata l-Isptar San Luqa. Kif sar jaf li kienet l-Isptar San Luqa, gie fil-pront mill-Ingilterra. Ikkonferma illi t-tifel ta` huh John kien izzewweg f`Mejju 1995. Ommu kienet giet l-Ingilterra ghat-tieg. Kellha bagalja kwazi vojta bi hwejjeg imqattghin. Waslet l-Ingilterra. Maghha kien hemm mara qed izzommilha idejha li kienet ukoll fuq l-ajruplan. L-airport lanqas gharfet lil binha John li mar ghaliha. Ikkonferma li ommu damet l-Ingilterra inqas milli kien previst ghaliex kienet tlewmet mal-mara ta` binha. Ommu kienet tghid li kienet qeghda '*timmissja*' l-annimali taghha u li riedet tmur lura Malta. Meta marret l-Ingilterra, ommu ma marritx toqghod ghandu. Talabha taghtih cans biex jara kif jaghmel halli tmur tghix mieghu. Talabha hekk ghaliex dak iz-zmien kellu lil omm il-mara tieghu tghix mieghu. Fil-fatt ma baqghet ma marritx ghandu ghaliex il-mara ta` huh lahqet ibbukkjat *flight* ghal ommu biex tmur lura Malta. Qaltlu b`niket li kienet sejra lura Malta ghaliex kellha l-inkwiet mal-mara ta` huh. Ommu damet erbat ijiem l-Ingilterra. Skond l-attur, tmint ijiem wara li giet lura, il-konvenuta hadet lil ommu biex taghmel testment.

L-attur fisser illi meta gie Malta biex jara lil ommu, sab li l-kondizzjoni taghha kienet hazina ghax kienet qeghda tinsa hafna, u ma kenitx tkun taf x` qeghda

taghmel.  Dwar il-kondizzjoni ta` ommu fiz-zmien meta marret l-Ingilterra, l-attur stqarr illi ftit li xejn seta` jghid ghaliex ftit li xejn kellu cans jara lil ommu.  Huwa kien ikun xoghol u ommu riedet tmur lura Malta ftit wara li waslet l-Ingilterra.

L-attur ighid ukoll li meta kien jigi Malta, ghalkemm ommu kienet tghix wahedha, ma kenitx f` kondizzjoni tajba tant li l-girien kienu jghidulu li gieli harget barra fit-03.00a.m. biex tixtri bott kunserva, kif ukoll li gieli harget fis-01.00a.m. biex toqghod bilqeghda fuq il-bankijiet. Kienet il-konvenuta li kkonfermat mieghu illi ommu kienet waslet lura Malta.

It-**Tabib Psikjatra Peter Muscat** ikkonferma illi fl-10 ta` Settembru 1996 huwa kien irrilaxxja certifikat mediku dwar Georgina Busuttil indirizzat lil Dr Anthony Fiorini li kien talbu biex jezaminaha biex jaccerta jekk kenitx qeghda tbati minn *early dementia.*  Fic-certifikat, huwa spjega li l-kondizzjoni taghha kienet tali li ma kenitx ta` wahedha, peress li kienet tohrog barra, tonfoq flusha kollha, titlef l-affarijiet personali taghha, tmiss proprjeta` ta` haddiehor kif ukoll ma ssajjarx.  Irrilaxxja certifikat iehor fit-30 ta` Mejju 1997 wara  inkariku li kellu minghand l-attur John Busuttil.  Wara li ezamina lil Georgina Busuttil, huwa sab illi kienet qed tbati minn dementia li kienet ilha tbati biha matul il-hames snin ta` qabel u kienet aggravat ruhha.  Fit-18 ta` Gunju 1997, irrilaxxja certifikat iehor fejn irrakkomanda li Georgina Busuttil tigi interdetta. Fuq domanda tal-Qorti dwar jekk fiz-zmien ta` l-ewwel certifikat (ossija Settembru 1996) Busuttil kenitx f`posizzjoni li tamministra hwejjigha, li taghmel kuntratt jew li taghmel testment, Dr Muscat ghamilha cara li hu kien cert li ma kenitx f`tali posizzjoni.  Mistoqsi ghal darb`ohra mill-Qorti dwar kemm kienet ilha f`dik il-kondizzjoni, Dr Muscat spjega li d-dementia ta` Georgina Busuttil kienet ilha li bdiet is-snin.  Meta fl-ewwel certifikat ghamel ir-rakkomandazzjoni tieghu, ghamel hekk ghax kien evidenti li l-persuna ma setghetx tghix wahedha minhabba l-istat ta` dementia taghha.  Biex waslet f`dak l-

istat, it-tip ta` dementia li kellha Georgina Busuttil kienet ilha taggrava mill-anqas tlett snin. Ippreciza li l-ewwel darba li raha u ezaminaha kien f`Settembru 1996.

Fil-**kontroezami**, Dr Muscat xehed illi f`Settembru 1996 il-probabilita` kienet illi huwa ezamina lil Georgina Busuttil fil-klinika tieghu. Ma kenitx wahedha l-klinika tieghu pero` ma setax jiftakar min kien mar maghha. Id-dementia li kienet issofri minnha kienet *Alzheimers` type*. Mistoqsi dwar *early dementia,* ix-xhud spjega li b`dik il-kondizzjoni, il-persuna ma tkunx *bedridden,* lanqas ma tkun *incontinent of urine* u tkun ghadha f`qaghda li titma` lilha nfisha. Fl-istess waqt pero` ma tkunx kapaci tixtri, jew issajjar ghaliha, jew tiehu hsieb id-dar jew li tghix wahedha. Ikun hemm *severe dementia* meta l-persuna tigi *bedridden, incontinent, uncommunicative* u *not responding to any verbal communication.* Fl-ezami, huwa jistaqsi lill-pazjenta x`qeghda taghmel u hi kwazi lanqas tkun qed tiftakar x`qeghda taghmel. Tghid li tkun marret tixtri mentri fil-fatt ma tkunx ghamlet hekk. Biex ifassal il-konkluzjonijiet tieghu, huwa ma jiddependix biss fuq li jkunu qalu l-familjari, izda jitkellem mal-persuna. Insista li jekk ikun ghamel certifikat, huwa jkun certissimu li dak li jkun kiteb ikun gie kkonstatat minnu kemm abbazi ta` dak li jkun staqsa lill-persuna u kif ukoll fuq dak li jkunu qalulu l-familjari.

Dr Muscat spjega li fl-*early dementia*, id-dementia tkun ilha li bdiet xi tlett snin. B`mod generali, meta persuna ma tkunx tista` tiehu hsieb taghha nnfisha, u jkollha bzonn ta` *residential care*, iridu jkunu ghaddew mill-inqas minn tlieta sa hames snin. Ikkonferma li meta kien hareg l-ewwel certifikat tieghu, zgur li Georgina Busuttil kien ilha aktar minn sena tbati minn dementia. L-ewwel certifikat tieghu dwar Georgina Busuttil kien fil-forma ta` ittra illi baghat Dr Stanley Fiorini li kien il-konsulent gerjatriku *in charge* mill-Isptar Zammit Clapp. Taht il-kura tieghu, Dr Fiorini kellu wkoll xi sodod fir-Residenza San Vincenz. Billi dak iz-zmien Dr Fiorini kien l-uniku *consultant geriatrician* f`Malta, kull min ried jidhol l-

Isptar Zammit Clapp jew xi residenza tal-anzjani, ried ikollu l-qaghda fisika u mentali tieghu certifikata minn Dr Fiorini.

Dr Muscat ippreciza illi meta marru jkellmuh il-familjari ta` Georgina Busuttil, ghamlu hekk ghaliex ma kenitx kapaci tghix wahedha u kienet fi stat ta` periklu ghaliha nfisha. Kienu nkwetati illi jekk tibqa` tghix wahedha, tista` jew tkorri jew ittajjarha xi karozza ghax kienet qeghda tinsa. Ikkonferma li mhassba hafna dwar l-istat mentali taghha li seta` jwassal ghal peggjorament tal-istat fiziku taghha. Mistoqsi mill-Qorti jekk il-kontenut tac-certifikat ta` Settembru 1996 kienx jirrifletti bil-preciz l-istat ta` Georgina Busuttil dakinhar, Dr Muscat wiegeb fl-affermattiv u dwar dak ma kellu l-ebda dubju. Fil-file tar-Residenza San Vincenz, id-dijanjosi taghha kienet tghid – *senile dementia*. Insista fuq il-fondatezza tal-fehmiet tieghu, nonostante l-fehmiet espressi mit-Tabib Psikjatra Joseph Vella Baldacchino.

**<u>It-Tabib Psikjatra Joseph Vella Baldacchino</u>** ikkonferma c-certifikat mediku tieghu tas-6 ta` Mejju 1997. Dan premess dwar il-fatti u c-cirkostanzi li wasslu ghall-hrug ta` dak ic-certifikat ma ftakar xejn. Li seta` jixhed kien b`mod generali u cioe` illi fil-fehma tieghu, kien aktar facli ghal persuna li taghmel testment, milli taghti prokura lil xi hadd dwar materja specifika. Jekk persuna tkun kapaci tifhem xi jfisser li taghti prokura, allura tkun kapaci taghmel testment.

**<u>Il-konvenuta</u>** xehdet illi hi kienet kwazi familja ma` Georgina Busuttil u uliedha. Kienet tara l-bzonnijiet taghha u l-atturi kienu jafdaw l-affarijiet f`idejha. Fuq domanda tal-Qorti, il-konvenuta kkonfermata li hija kienet biss habiba tal-familja. Kienet tghix il-Gudja waqt li Georgina Busuttil kienet toqghod Rahal Gdid. Busuttil kienet tmur tiekol ghandha tlett darbiet fil-gimgha u kienet tmur ghandha bit-trasport pubbliku. Ipprecizat illi ghall-bidu kienet habiba mal-mara ta` wiehed mill-atturi u in

segwitu bdiet tghin lil omm l-atturi. Dan kien fl-1983-1984. Lil Georgina Busuttil, kienet twassalha fejn tkun tehtieg. Ikkonferma li hi kienet irceviet b`wirt minghand Georgina Busuttil il-fond 39, St Joseph Street, Paola.

Xehdet illi fl-1997, Georgina Busuttil kienet kisret iz-zewg *hipbones*. Uliedha kienu rrangaw biex tigi rikoverata fir-Residenza San Vincenz, peress li anke s-*social workers* kienu kkonfermaw li ma kenitx tad-dar wahedha. Fil-fatt dahlet San Vincenz fl-1997.

Qalet illi fl-1995, Georgina Busuttil kienet marret l-Ingilterra ghax kien ser jizzewweg il-*grandson* taghha, izda jidher illi meta kienet hemm, inholoq disgwid bejn Georgina Busuttil u n-nisa ta` uliedha bil-konsegwenza li hadd ma ried izommha mieghu. Tant illi wara erbat ijiem giet lura Malta.

Fissret illi meta kienet tiehu hsieb ta` Georgina Busuttil, ma kenitx taghtiha medicini..

Qalet illi Busuttil kienet thobb tilghab it-tombla. F`okkazjoni minnhom, fiz-zmien ta` qabel dahlet San Vincenz, meta kienet qeghda tipprepara biex tmur it-tombla, marret biex tilbes labra tad-deheb pero` ma sabitx il-kaxxa tad-deheb. Georgina Busuttil kienet qaltilha li binha (li kien qieghed f` Malta) kien staqsiha ghad-deheb u kien irrabja meta sar jaf li gieli kienet thalli d-deheb maghha (u cioe` mal-konvenuta). Il-konvenuta allegat illi kien binha Charles Busuttil li hadilha l-kaxxa tad-deheb. Fuq domanda tal-Qorti jekk Charles Busuttil kienx ammetta maghha li kien hu li ha d-deheb, il-konvenuta sostniet li huwa qatt ma accetta li hekk kien il-kaz. Kienu dahlu l-Pulizija pero` Georgina Busuttil ma baqghetx tinsisti fuq aktar stharrig ghaliex ma riditx ggib lil Charles Busuttil fl-inkwiet.

Spjega illi wara li Georgina Busuttil dahlet San Vincenz, hi bdiet tehodilha l-ikel.  Gara pero` li l-amministrazzjoni tar-Residenza ma hallithiex tmur taraha. Fil-fatt pero` hi xorta baqghet tmur taraha fl-Ghid u fil-Milied, peress li kienet tmur tara pazjenti ohra go San Vincenz, u kif tkun hemm, kienet tmur tara lil Busuttil ukoll.

Qalet illi Georgina Busuttil ghamlet it-testment fl-1995 wara li giet mill-Ingilterra.  Hi stess wasslet lil Georgina Busuttil ghand in-Nutar Pierre Cassar.  Meta ghamlet it-testment, ix-xhud baqghet barra.  Georgina Busuttil kienet qaltilha li kienet ser thalli kollox lil klieb u lil qtates.  Meta lestiet, Busuttil qalet lill-konvenuta illi kienet serrhet l-istonku taghha ghaliex irnexxielha thalli kollox lil klieb u lil qtates.  Il-konvenuta qalet li kienet wasslet lil Georgina Busuttil ghand in-Nutar Cassar f`okkazjonijiet precedenti fosthom wara l-mewt ta` huha.

Skond ix-xhud, Georgina Busuttil ma kenitx marida. Kienet tpejjep.  Fuq domanda tal-Qorti, il-konvenuta sostniet li sa fejn taf hi, Busuttil qatt ma marret ghand psikjatra qabel ghamlet it-testment taghha ta` l-1995.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, il-konvenuta ghamlet referenza ghal ittra li kienet irceviet minghand Charles Busuttil u martu ftit jiem wara li Georgina Busuttil kienet marret taghmel it-testment.  Hija wiegbet dik l-ittra pero` ma kenitx infurmat lil Charles Busuttil u lil martu li Georgina Busuttil kienet ghamlet testment.  Il-konvenuta ma setghetx twiegeb dwar gizirana partikolari li Georgina Busuttil kienet tilbes b` mod regolari, ghalkemm ikkonfermat li kellha hafna gizirani.

Il-konvenuta kkonfermat li fl-ittri kien hemm miktub illi Georgina Busuttil kienet qed timmissja l-annimali taghha.  Izda, skond il-konvenuta, u milli qaltilha Georgina Busuttil, dik kienet skuza li Georgina Busuttil harget biha biex ma zzidx l-inkwiet li kellha meta marret l-Ingilterra.

Il-konvenuta sostniet li kienet hi li hadet hsieb tipprepara l-bagalja li Georgina Busuttil hadet maghha l-Ingilterra. Ikkonferma illi fil-bagalja kellha bizzejjed hwejjeg ghall-htigijiet taghha. Sostniet li hadd lilha ma kien qalilha li meta waslet l-Ingilterra, Georgina Busuttil lanqas gharfet lil binha li kien mar ghaliha l-airport.

Il-konvenuta kkonfermat illi kienet hi li marret tigbor lil Georgina Busuttil mill-ajruport. Hemm stess kif ratha bdiet tibki u bdiet tirrakkonta x`kien gralha.

Il-konvenuta kkonfermat li hija kellha prokura ta` Georgina Busuttil biex issarraf ic-cheques tal-pensjoni taghha izda din ma baqghetx fil-pussess taghha wara li Busuttil dahlet San Vincenz. L-amministratur tad-Dar San Vincenz kien ta ordni biex ic-cheques tal-pensjoni jmorru ghandu. Il-konvenuta sostniet li hija qatt ma gibdet flus mill-HSBC wara li kienet avzatha li ma kenitx ghadha tirrapprezenta lil Georgina Busuttil.

**In-Nutar Dottor Pierre Cassar** li t-testment li Georgina Busuttil ghamlet fit-12 ta` Mejju 1995 kien jaghmel parti mill-atti tieghu. Georgina Busuttil kienet marret wahedha biex taghmel it-testment. Huwa fehemha kollox u sar it-testment. It-testment sar fuq zewg appuntamenti : fl-ewwel okkazjoni,, spjegalha kollox u talabha li ggib certifikat mediku ; u fit-tieni okkazjoni, sar it-testment propju. Peress li mit-testment kienu se jigu eskluzi wlied it-testatrici, huwa halla ftit taz-zmien ighaddi qabel jirregista x-xewqat tat-testatrici. Kien jaghmel hekk sabiex jekk it-testment kien se jsir b`rabja jew b`reazzjoni ghal esperjenza negattiva, it-testatrici kien jilhaq ighaddilha. Fil-kaz tal-lum, ma setax jiftakar jekk it-testatrici kenitx tatu raguni ghalfejn riedet teskludi lil uliedha. Ried certifikat mediku dwar it-testatrici mhux ghax ma kenitx tidher f`sikkitha izda sabiex ikun hemm zmien itwal halli tahseb dwar dak li kienet sejra taghmel.

Fil-**kontroezami**, Dr Cassar ikkonferma li ha hsieb il-*causa mortis* ta` Georgina Busuttil.

**Ikkunsidrat :**

## III. Gurisprudenza

Fis-sentenza taghha tal-31 ta` Mejju 2004 fil-kawza "**Cristiano vs Portelli"**, din il-Qorti (**PA/GV**) issenjalat il-principji li ghandhom japplikaw fil-kazi ta` impunjazzjoni ta` atti minhabba nkapacita` mentali :

*1. Illi l-kapacita` hija r-regola u l-inkapacita` hija l-eccezzjoni, u ghalhekk il-presunzjoni hija favur il-kapacita`, liema presunzjoni hija `juris tantum` ;*

*2. Illi huma nkapaci dawk li fi zmien ta` l-att ma jkunux f`sensihom, u illi l-inkapacita` ghandha tigi ppruvata minn min irid jimpunja l-att ;*

*3. Illi biex persuna jkun kapaci jaghmel att ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorozament san minn mohhu, imma huwa bizzejjed li jkollu l-uzu tar-raguni fi grad tali li jippermettilu jkun jaf x`inhu jaghmel ;*

*4. Illi biex tigi stabbilita` l-insanita` mentali ta` persuna hemm bzonn li jirrizultaw indizji gravi ;*

*5. Illi l-Qrati taghna dejjem kienu reticenti li jammettu d-domandi biex jigi annullat att minhabba nsanita` mentali jekk din l-inkapacita` ma tkunx irrizultat b`mod cert minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li persuna kien qieghed jaghmel l-att. (Vol XXXIV.108 – Appell Civili - "**Vassallo vs Dr V Sammut"** - 24 ta` April 1950 ; u Vol XXX.I.176 – Appell Civili - "**Formosa vs Axiak"** - 20 ta` Gunju 1938)."*

Fis-sentenza taghha tat-13 ta` Marzu 2009 fil-kawza '**<u>Azzopardi et vs</u>** **<u>Camilleri noe</u>**' deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) [Gurisdizzjoni Superjuri] (**<u>AE</u>**) [u konfermata b`sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-25 ta` Mejju 2012] inghad hekk –

*L-awtur Laurent jispjega, "Non basta dunque provare che il testatore era in uno stato abituale di demenza,* ***bisogna provare invece che la sua follia era senza lucido intervallo, val dire permanente.*** *Se, al contrario, e' provato che il defunto aveva dei lucidi intervalli, egli e' certo che la prova della demenza abituale sarebbe insufficiente,* ***poiche' puo' avvenire che il testatore sia stato in un lucido intervallo nel momento in cui disponeva.****"* (*Principi di Diritto Civile, Vol. XI pagna 112). Fil-kawza* ***Anna Borg et vs Maria Borg et*** *deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Novembru 1867 gie osservat : "Attesoche' e' opinione ricevuta come vera (vedasi Troplong, Donazioni tra Vivi e Testamenti No.463)* ***che il testamento si deve presumere fatto nel tempo della rimessione del male, se l'infermo ha avuto dei lucidi intervalli*** *e l'atto porta i caratteri della saggezza.....".*

Fis-sentenza taghha tal-31 ta` Marzu 1933 fil-kawza **`<u>Cassar vs Cassar</u>`** din il-Qorti qalet hekk –

*"Questi tribunali sono stati sempre renitenti a pronunciare la nullita` di una testamento per incapacita` mentale del testatore, a meno che tale incapacita` non consti positivamente, da fatti precisi ed univoci, e non si verifichi al momento in cui egli dettava le sue ultime volonta`. Il miglior criterio sulla sanita` mentale del testatore e` la ragionevolezza delle sue disposizioni, specialmente quando il testatore ne avesse indicato le ragioni, riconosciute poi ragionevoli e sa vie."*

Fis-sentenza taghha tat-8 ta` Mejju 1952 fil-kawza **`<u>Mifsud et vs</u>** **<u>Giordano et</u>`** din il-Qorti qalet hekk –

*“Il-ligi tammetti latitudni konsiderevoli fl-interpretazzjoni ta` l-istat mentali in kwantu jirreferixxi ruhu ghall-kapacita` testamentarja. U giet sostnuta b`success il-validita` ta` testment maghmul minn persuna li kienet `a priori` turi kapacita` dubbjuza, imma li gie pruvat li kellha intelligenza sufficjenti, ghalkemm inferjuri ghall-medja, ghall-ezercizzju legali tad-dispozizzjoni ta` hwejjigha.*

*B`mod li f`materja ta` validita` ta` testmenti, il-kwistjoni kollha tirraggira ruhha dwar il-problema jekk il-partikulari testatur jinsabx f`kondizzjoni mentali tali, minhabba fl-inkapacita` naturali, l-eta` avvanzata, mard jew insanita` li jifhem li dak li jkun qieghed ihalli bit-testment mill-istess proprjeta` tieghu jkun qieghed ihallih lil certa persuna jew persuni, li jifhem il-portata ta` l-estensjoni ta` l-assi tieghu, u li jifhem in-natura u l-effetti ta` l-att proprju fir-relazzjoni mal-pretensjonijiet naturali ta` dawk il-persuni li jigu eskluzi bit-testment tieghu.*

*Fir-ricerka dwar l-istat mentali tat-testatur il-kriterji li jistghu jigu segwiti huma diversi u varjati. Fost dawn il-kriterji, hemm il-vjolazzjoni tad- disposizzjonijiet kontenuti fit-testment impunjat. U fl-ezami ta` dawn id-disposizzjonijiet fit-tnissil konvincenti aktar sod tant mill-fatt ta` l-ezami ta` l-`ahhar volonta` per se, li jista` joffri bhala ndizju l-istat mentali tat-testatur, kemm ukoll mill-motiv jew motivi li jispiraw it-testatur, specjalment jekk dawk il-motivi jkunu gew espressi mit-testatur fil-waqt tat-testment jew fl-okkazjoni meta jkun qieghed jigi kontemplat dak l-att solenni, u fl-ahharnett mill-kondizzjonijiet mentali u fizici tat-testatur fil-mument meta jkun ghamel it-testment impunjat.*

*Ir-regola tal-ligi li huma nkapaci jiddisponu minn hwejjighom dawk li ma jkunux f`sensihom ghandha tigi pprovvduta u sostanzjata minn min ikun qieghed jattakka t-testment minhabba l-inkapacita` u min jimpunja testment ghal vizzju tal-menti tat-testatur mhux biss huwa obbligat jipprova dak il-vizzju, izda l-prova tieghu ghandha tkun tikkolpixxi wkoll il-mument stess jew iz-zmien prossimu meta sar it-testment.*

*Fl-ipotezi tal-vizzju tal-menti abitwali, ppruvata l-abitwalita` it-testment maghmul mill-persuna hekk kolpita ghandu jigi prezunt li huwa invalidu, jekk min isostni l-validita` tieghu ma jippruvax li dak it-testment sar f`mument ta` lucidu interval.*

*Imma ghall-validita` ta` testment, huwa bizzejjed li t-testatur ikollu l-kuxjenza, jew ahjar li jkun jaf u jifhem x`ikun qed isir, u li fil-fatt ikun sar, b`mod li mhux imprexxinidibilment mehtieg li l-volonta` intelligenti u libera tat-testatur tkun perfettament u rigorozament sana."*

(ara wkoll : Prim`Awla tal-Qorti Civili (PA/NC) – "**Farrugia vs Farrugia et**" – 5 ta` Ottubru 2004)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tas-6 ta` Marzu 1979 fil-kawza **`Sultana vs Sultana`**, kien riaffermat il-principju illi persuna tista` tkun qeghda tbati minn infermita` mentali, izda jekk jirrizulta illi fiz-zmien illi taghmel testment jew xi att civili iehor, tkun ghaddejja minn perijodu lucidu, allura dak it-testment jew att civili iehor jitqies bhala validu.

L-istess kien inghad fis-sentenza ta` din il-Qorti tal-20 ta` Ottubru 1971 fil-kawza **`Bonavia et vs Bonavia et`** :

*"l-inkapacita` mentali antecedenti u sussegwenti tista` taghti lok ghall-inferenza li t-testatur kien ukoll inkapaci meta attwalment ghamel it-testment. Il-Qorti ghandha thares ukoll, u anzi thares izjed, lejn il-mument tat-testment, u dana stante r-riluttanza tal-ligi biex tannulla d-disposizzjonijiet ta` l-ahhar volonta`, il-presunzjoni tal-validita` taghhom u l-gurisprudenza dwar il-lucidu interval, li ghandha tinklina lill-gudikant biex iktar jahseb li t-testment sar f`wiehed mil-lucidi intervalli, jekk dawn jirrizultaw mill-provi."*

**Ikkunsidrat :**

## IV. Sottomissjonijiet

Fis-sottomissjonijiet tieghu tal-ahhar, id-difensur tal-atturi jghid illi l-esitu ta` din il-kawza jdur fuq x`qalu l-Psikjatri Peter Muscat u Joseph Vella Baldacchino. In partikolari jaghmel riferenza ghall-kontenut tac-certifikat li Dr Muscat hareg dwar it-testatrici fit-30 ta` Mejju 1997. Jirreferi wkoll ghac-certifikat li fis-6 ta` Mejju 1997 hareg Dr Vella Baldacchino. Kollox idur dwar jekk meta sar it-testment, Georgina Busuttil kenitx f`qaghda mentali tajba. Skond id-difensur tal-attur, il-preponderanza tal-provi turi li Georgina Busuttil ma kenitx f`qaghda mentali stabbli biex taghmel dak it-testment u rrizulta li kienet ilha sejra lura mill-mohh.

Fis-sottomissjonijiet tieghu tal-ahhar, id-difensur tal-konvenut ikkontesta bl-aktar mod qawwi l-attendibilita` tax-xiehda ta` Dr Peter Muscat : kwazi kwazi jistqarr li Dr Muscat ma kienx jaf x`qieghed ighid. Dan ghaliex ghalkemm huwa kien imharrek biex jiddeponi dwar Georgina Busuttil, ic-certifikat tieghu a fol 55 ma kienx jirrigwarda lilha izda lil certa Mrs Giovanna Perry ta` 41, St Helen Street, Sliema. U allura xehed dwar persuna ohra mhux dwar Georgina Busuttil. Ghalhekk stieden lill-Qorti biex tiskarta kull ma Dr Muscat xehed dwar Georgina Busuttil ghaz-zmien ta` qabel l-1997. Ghaz-zmien ta` wara l-1997, Dr Muscat hareg certifikat iehor ghall-fini tal-procedura ta` interdizzjoni ta` Georgina Busuttil. Skond il-konvenuta, ix-xiehda ta` Dr Vella Baldacchino taghti aktar affidament. Kien hemm ukoll ix-xiehda tan-Nutar Pierre Cassar li kkonferma li fiz-zewg okkazjonijiet li tkellem ma` Georgina Busuttil qabel ghamlet it-testment taghha kienet taf x`qeghda taghmel.

**Ikkunsidrat :**

## V. Rizultanzi

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tal-24 ta` Novembru 1966 fil-kawza `**<u>Farrugia vs Farrugia</u>**` kien spjegat kif ghandu jitqies il-konflitt ta` l-provi –

*"Il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc ta` probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Jigi osservat ukoll li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f`kaz ta` zewg versjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi tal-principju li 'onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat'. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero` il-grad ta` prova rikjest fil-kamp civili, b` differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f`mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f`kawzi civili hija effett tal-bilanc tal probabilitajiet. Mera possibilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-reponsabilita` civili."*

L-atturi fil-kawza tal-lum kienu tnejn. Charles u John ahwa Busuttil ulied Georgina Busuttil. Minnhom xehed wiehed biss u cioe` Charles Busuttil. Ma jirrizultax ghaliex John Busuttil ma tax id-deposizzjoni tieghu. Ghalhekk mix-xiehda ta` Charles Busuttil, din il-Qorti mhijiex sejra tqis ghax mhijiex ammissibbli fatti jew cirkostanzi li Charles Busuttil sar jaf minghand huh John stante li dak huwa *detto del detto.* John Busuttil kellu c-cans kollu jghid tieghu izda ghazel li joqghod lura. F`dan il-kuntest, qeghda riferenza partikolari ghall-imgieba tal-omm meta marret l-Ingilterra ghat-tieg tat-tifel ta` John Busuttil. Dwar li ma gharfitx lil John Busuttil l-airport, Charles Busuttil ma jistax ighid ghaliex ma kienx Charles Busuttil li mar jilqa`

lill-omm l-airport. Lanqas x`kien hemm fil-bagalja tal-omm, ma jista` jghid ghaliex l-omm marret mill-ewwel id-dar ta` John Busuttil fejn kienet sejra toqghod. U Charles Busuttil ma kienx prezenti. Ma jirrizultax ghalfejn inqala` l-inkwiet bejn l-omm u l-mara ta` John Busuttil. Li hu cert hu minhabba dak l-inkwiet, l-omm ma accettatx li toqghod l-Ingilterra u ftit granet biss wara li waslet l-Ingilterra giet lura Malta. Xejn ma kien pruvat mill-atturi illi fl-imgieba tal-omm go l-Ingilterra bejn it-30 ta` April 1995 u l-4 ta` Mejju 1995 kien hemm indikazzjoni ta` nkapacita` mentali. Kieku hekk kif tassew, din il-Qorti hija certa li l-atturi kienu jsibu mod kif jiehdu hsieb il-*welfare* ta` ommhom fl-Ingilterra u jibghatuha wahedha Malta.

Li certament irrizulta huwa li hekk kif giet Malta, ftit granet wara, l-omm riedet taghmel testment iehor biex ma thalli xejn liz-zewg uliedha. Ma hemmx prova li l-konvenuta ghamlet xi pressjoni ndebita jew xort`ohra fuq id-decujus biex taghmel testment favur taghha. Il-konvenuta kienet taf lil Georgina Busuttil minn zmien qabel. Irrizulta li kienet il-wens taghha. U xejn ma rrizulta fl-imgieba tal-konvenuta li jorbotha ma` atti mpropriji fil-konfront ta` persuna tal-eta` tad-decujus. Huwa fatt accertat illi l-atturi kellhom relazzjoni tajba mal-konvenuta. Meta Charles Busuttil kien izur lil ommu Malta kien jaghmel kuntatt mal-konvenuta u ma jistqarr xejn avvers fl-imgieba generali tal-konvenuta.

Il-punt centrali tal-kawza huwa t-testment li Georgina Busuttil ghamlet fit-12 ta` Mejju 1995. Meta ghamlet it-testment in kwistjoni kellha 84 sena. Infatti t-testatrici mietet fil-11 ta` Marzu 2006 fl-eta ta` 94 sena u twieldet fid-9 ta` Lulju 1911 (ara fol 91).

Din il-Qorti taghti affidament lid-deposizzjoni tan-Nutar Pierre Cassar. Fl-assjem taghha, ix-xiehda tan-Nutar Cassar turi kawtela u kondotta korretta. L-ewwel ma ghamel in-nutar kien illi kellem lid-decujus u meta sab illi riedet teskludi liz-zewg uliedha mill-wirt taghha ma

qabadx u ghadda ghat-testment mill-ewwel izda halla xi granet ighaddu biex ighati cans lit-testatrici tirrifletti dwar il-pass li riedet taghmel. Ighid kjarament u minghajr ekwivoci illi talab certifikat mediku mhux ghax t-testatrici ma kenitx tidher f`sikkitha izda biex jaghti z-zmien halli tahseb aktar dwar dak li riedet taghmel. Fit-tieni darba li ltaqa` mat-testatrici, u fejn allura sar it-testment, kien prezentat lilu certifikat mediku. Fil-kawza tal-lum din il-Qorti tinnota illi ghalkemm kien esebit it-testment tat-12 ta` Mejju 1995 (fol 110 sa fol 112) ic-certifikat mediku li ghalih hemm riferenza fit-testment baqa` ma kienx esebit. L-istess haga kien gara fil-procediment dwar talba ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni 1180/2008 : kien esebit it-testment izda mhux ic-certifikat mediku. Ghalkemm ma hemmx il-prova tad-dokument, hemm il-prova accertata u dikjarata min-nutar illi fil-fatt kien hemm certifikat mediku li kien ighid illi *t-testratrici tinsab fil-pussess shih tal-fakoltajiet mentali taghha.* Jirrizulta wkoll kjarament mid-deposizzjoni tan-nutar illi anke minghajr dak ic-certifikat, it-testment seta` jsir ghaliex ighid illi huwa fiehem kollox lit-testatrici x`kien se jsir u ghalhekk sar it-testment. Fid-deposizzjoni tieghu, in-nutar kien cert minn dak li kien qed jistqarr. Din il-Qorti b`ebda mod ma hadet l-impressjoni li n-nutar seta` ghaggel izzejjed. Hija konvinta li t-testment sar ghaliex kollox kien evidenti lin-nutar li t-testatrici kienet f`qaghda li taghmel it-testment taghha kif riedet taghmlu u cioe` li thalli barra liz-zewg uliedha mill-wirt u tinnomina bhala eredi universali taghha lill-konvenuta.

Minn ezami akkurat tal-atti ta` din il-kawza, flimkien mal-atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni Nru 1180/2008, jirrizulta li kienu esebiti dawn ic-certifikati medici li ghalihom sejra ssir riferenza f`<u>ordni kronologiku</u>.

<u>L-ewwel</u> certifikat mediku esebit huwa dak datat <u>10 ta` Settembru 1996</u> (fol 55). Kien rilaxxjat mit-Tabib Psikjatra Peter Muscat u jirrigwarda lil *Mrs Giovanna Perry – Age 80 – DOB 12.01.16 – 41, St. Helen Street, Sliema.*

Tajjeb irrileva d-difensur tal-konvenuta fis-sottomissjonijiet finali tieghu illi dak ic-certifikat ma ghandu x`jaqsam propju xejn ma` Georgina Busuttil. Din il-Qorti sejra tiskarta kull stqarrija jew deposizzjoni li saret mit-Tabib Muscat jew haddiehor dwar dak ic-certifikat jew iz-zmien meta hareg dak ic-certifikat.

It-tieni certifikat mediku huwa dak tas-6 ta` Mejju 1997 rilaxxjat mit-Tabib Psikjatra Joseph Vella Baldacchino dwar Giorgina Busuttil. Kien mitlub *to assess her ability to act and attend to her civil rights.* Iddikjara hekk – *From the examination it emerged that Mrs Busuttil did not know the day or week or month of the year however she was able to recall three items out of five and understood the meaning of giving a power of attorney to somebody. She was able to identity acquaintences around her. During the examination Mrs Busuttil expressed the wish that she would not like her belongings and assets to be managed by her sons who currently live in England.* Ikkonkluda illi Busuttil *is fully capable of attending to her civil rights and duties.*

It-tielet certifikat mediku esebit huwa dak datat 30 ta` Mejju 1997 (ara l-atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni) rilaxxjat mit-Tabib Psikjatra Peter Muscat dwar Georgina Busuttil. Ighid illi *she has very poor short and long term memory indicating Senile Dementia which has been present for about five years.* Skond ic-certifikat, kien l-attur John Busuttil li ha lil ommu ghand Dr Muscat wara li allega li l-omm kienet iffirmat prokura favur il-konvenuta meta l-konvenuta kellha d-dementia. Ma jirrizultax mic-certifikat meta kienet saret din il-prokura. U lanqas ma kienet esebita fil-kawza.

Ir-raba` certifikat mediku esebit huwa dak datat 18 ta` Gunju 1997 (ara l-atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni) rilaxxjat mit-Tabib Psikjatra Peter Muscat fejn jinghad hekk – *Further to my certificate of the 30th May 1997, I*

*would like to recommend that Giorgina Busuttil be interdicted due to Senile Dementia.*

Huwa evidenti bil-bosta ghal din il-Qorti l-konflitt qawwi fil-fehmiet ta` zewg tobba psikatri dwar il-qaghda mentali ta` Georgina Busuttil f`temp tant qasir ta` xahar u nofs bejn is-6 ta` Mejju 1997 u t-18 ta` Gunju 1997. Meta t-tnejn xehdu fil-kawza, kien evidenti ferm ghal din il-Qorti z-zewg tobba kienu qeghdin joqghodu fuq ic-certifikati taghhom aktar milli fuq il-memorja taghhom tal-persuna. Huwa notorju l-fatt illi dawn iz-zewg psikjatri huma maghrufa fil-kamp ta` specjalizzazzjoni taghhom, jinvistaw hafna pazjenti u huwa mprobabbli ferm li setghu jiftakru fuq il-memorja lil Georgina Busuttil erbatax-il sena wara li kienu invistawha. Partikolarment dwar id-deposizzjoni ta` Dr Muscat, din il-qorti tqis il-fehmiet tieghu dwar id-demetia ta` natura generika, mhux bilfors relatati mal-persuna ta` Georgina Busuttil anke anke ma hemmx prova konklussiva li Dr Muscat invista lit-testatrici fiz-zmien meta ghamlet it-testment in kwistjoni.

Fic-cirkostanzi ghalhekk x-xiehda <u>indipendenti</u> li taghti l-aktar affidament ghall-fattispeci tal-kaz tal-lum hija dik tan-Nutar Pierre Cassar li ppubblika t-testment. Minn evalwazzjoni tal-kumpless tal-provi, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-atturi ma ressqux provi konklussivi illi meta sar it-testment, Georgina Busuttil ma kellhiex il-kapacita` mentali li taghmel dak it-testment. Fuq l-atturi kien jinkombi l-oneru tal-prova sal-grad rikjest mil-ligi (kif fuq inghad) illi jirribattu l-prezunzjoni *juris tantum* favur il-kapacita` stante li l-inkapacita` hija meqjusa bhala l-eccezzjoni mhux ir-regola. Mqar l-atturi ghamlu sforz biex isostnu l-allegazzjoni li ghamel Charles Busuttil illi meta ommhom kienet tghix wahedha, il-girien kienu jghidulu li hija gieli harget barra fit-03.00a.m. biex tixtri bott kunserva, kif ukoll li gieli harget fis-01.00a.m. biex toqghod bilqeghda fuq il-bankijiet. Il-prova tal-inkapacita` kienet tispetta lill-atturi ghax huma kienu qeghdin jittentaw jimpunjaw it-testment. Din il-Qorti tghid illi l-provi tal-atturi fil-kumpless taghhom huma nkonklussivi u karenti

b`kuntrast max-xiehda skjetta tal-konvenuta. Fil-kawza tal-lum, din il-Qorti kellha quddiemha l-prova preponderanti illi meta Georgina Busuttil ghamlet it-testment kellha bizzejjed l-uzu tar-raguni fi grad tali li kienet taf x`qeghda taghmel. Din il-Qorti ma kellhiex fatti precizi u univoci, jew indizji gravi, determinanti u ppruvati li wassluha biex tahseb illi meta t-testatrici ghamlet it-testment kienet qeghda tbati minn instabilita` mentali li tirrendiha nkapaci.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi qeghda tilqa` l-hames eccezzjoni tal-konvenuta, qeghda tichad it-talbiet tal-atturi.**

**L-ispejjez relatati mal-akkoljiment tal-hames eccezzjoni u mar-rigett tat-talbiet attrici jibqghu esklussivament a kariku tal-atturi.**

**L-ispejjez tar-rigett tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tar-raba` eccezzjonijiet tal-konvenuta jibqghu a kariku taghha skond kif kien deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha tas-27 ta` Marzu 2009 (fol 19 sa fol 24).**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------